

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Leġiżlazzjoni U Każistika](#) > [Leġiżlazzjoni Nazzjonali](#) > Romania

Leġiżlazzjoni nazzjonali

Il-kontenut ipprovdut minn Rumanija

Rumanija



Din il-paġna tipprovdilek informazzjoni dwar l-ordinament ġuridiku Rumenu u ħarsa ġenerali lejn il-liġi fir-Rumanija.

Sorsi tal-liġi

Is-sorsi tal-liġi Rumena huma:

- il-Kostituzzjoni Rumena;
- il-leġiżlazzjoni adottata mill-Parlament (liġijiet kostituzzjonali, liġijiet organiċi u liġijiet ordinarji);
- id-digriet tal-President tar-Rumanija;
- l-atti leġiżlattivi tal-Gvern (ordinanzi, ordinanzi ta' emerġenza, deċiżjonijiet);
- l-atti leġiżlattivi maħruġa mill-gvern ċentrali (ordinanzi, linji gwida u regolamenti Ministerjali);
- l-atti leġiżlattivi maħruġa mill-korpi tal-gvern lokali (il-Kunsill tal-Kontea, il-Kunsill Lokali, il-Kunsill Ġenerali tal-Muniċipalitè ta' Bucharest);
- id-dritt tal-Unjoni Ewropea (regolamenti, direttivi);
- it-trattati internazzjonali li għalihom ir-Rumanija hija parti kontraenti.

Tipi ta' strumenti legali – deskrizzjoni

Il-qafas legali Rumenu jinkludi l-istrumenti legali li ġejjin:

- Il-Kostituzzjoni hija l-liġi suprema fir-Rumanija. Hija tirregola l-istruttura tar-Rumanija bħala Stat nazzjonali, unitarju u indiviżibbli, ir-relazzjonijiet bejn is-setgħat eżekuttivi, leġiżlattivi u ġudizzjarji u bejn l-entitajiet pubbliċi, iċ-ċittadini u l-persuni ġuridiċi.
- Il-liġi kostituzzjonali ġejja mis-setgħa kostitwenti, jiġifieri mill-assemblea kostitwenti eletta u mlaqqa' għal dan il-għan.
- Il-liġi organika tittratta oqsma ta' importanza kbira għall-Istat, bħall-fruntieri nazzjonali, iċ-ċittadinanza Rumena, l-istemma araldika u s-siġill tal-istat, l-arranġamenti legali għall-proprjetà u għall-wirt, u l-organizzazzjoni u t-tmexxija tar-referenda; ir-reati kriminali, is-sentenzi u r-regoli dwar l-infurzar tagħhom, l-organizzazzjoni u l-funzjonament tal-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura, tal-qrati, tas-Servizz tal-Prosekuzzjoni Pubblika u tal-Qorti tal-Awdituri, id-drittijiet tal-persuni li jġarrbu ħsara minn awtorità pubblika, id-difiża nazzjonali, l-organizzazzjoni tal-korpi tal-gvern, u l-partiti politiċi.
- Il-liġi ordinarja tirregola l-oqsma l-oħra kollha li mhumiex koperti mil-liġi organika. Liġi ordinarja ma tistax temenda jew timmodifika norma superjuri, bħal liġi organika jew il-Kostituzzjoni.
- F'każijiet speċjali (vaganzi tal-parlament), ċerti oqsma, kif stabbilit mill-Parlament, jistgħu jiġu regolati minn digriet tal-Gvern abbażi tad-delega tas-setgħat leġiżlattivi. Id-digriet jiġu promulgati abbażi ta' att speċjali li jagħti din is-setgħa fil-limiti u skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fih. F'emerġenza l-Gvern jista' jipromulga digriet ta' emerġenza fi kwalunkwe qasam jekk dan jitqies neċessarju.
- Id-deċiżjonijiet tal-gvern jiddeterminaw il-mod kif il-liġijiet għandhom jiġu infurzati b'mod effettiv jew aspetti organizzazzjonali oħra fir-rigward tal-applikazzjoni tagħhom.
- Atti leġiżlattivi (digriet u linji gwida) jinħarġu mill-gvern ċentrali unikament abbażi ta' liġijiet, deċiżjonijiet u digriet tal-Gvern u sabiex dawn jiġu infurzati.
- Atti tal-awtoritajiet amministrattivi awtonomi

- Atti leġiżlattivi promulgati mill-awtoritajiet tal-gvern lokali (Kunsill tal-Kontea, Kunsill Lokali, Kunsill Ġenerali tal-Muniċipalit  ta' Bucharest) jirregolaw l-oqsma li jaqgħu taħt il-kompetenza tagħhom.

Sorsi oħra tal-liġi

- Il-ġurisprudenza tal-QEDB u l-ġurisprudenza tal-qrati tal-UE.
- Għalkemm il-ġurisprudenza nazzjonali mhijiex sors ta' liġi, is-sentenzi tal-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja, sabiex tiġi żgurata l-interpretazzjoni uniformi ta' ċerti dispożizzjonijiet legali, mingħajr dubju jirrappreżentaw sorsi sekondarji tal-liġi. Barra minn hekk, id-deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali li jipproduċu effetti *erga omnes* u mhux *inter partes litigantes*, jistgħu jitqiesu bħala sorsi sekondarji tal-liġi.
- Skont l-Artikolu 1 tal-Liġi Nru 287/2009 dwar il-Kodiċi Ċivili, is-sorsi tal-liġi ċivili huma l-liġi, il-prassi u l-prinċipji ġenerali tal-liġi. Hawnhekk "prassi" tfisser tradizzjoni (konswetuċni) u l-prassi professjonali.
- Id-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq jistabbilixxu r-regoli li ġejjin għall-applikazzjoni tal-prassi bħala sors ta' liġi:
 - Il-prassi f'każijiet li mhumiex previsti mil-liġi; fejn ma teżisti l-ebda prassi, japplikaw id-dispożizzjonijiet legali dwar każijiet simili u, fin-nuqqas ta' tali dispożizzjonijiet, japplikaw il-prinċipji ġenerali tal-liġi.
 - Fil-kwistjonijiet regolati mil-liġi, il-prassi jiġu applikati biss fejn il-liġi tirreferi għalihom b'mod ċar.
 - Prassi biss li huma konsistenti mal-politika pubblika u mal-prinċipji aċċettati tal-moralit  huma rikonoxxuti bħala sorsi tal-liġi.
 - Il-parti interessata trid tipprova l-eżistenza u l-kontenut tal-prassi. Il-prassi ppubblikati f'kollezzjonijiet imħejjija mill-entitajiet jew mill-korpi awtorizzati rilevanti huma preżunti li jeżistu sakemm ma jiġix pruvat mod ieħor.

Ġerarkija ta' normi

Il-ġerarkija tan-normi fir-Rumanija hija s-segwenti:

- Il-Kostituzzjoni u d-dritt kostituzzjonali Rumani huma fil-quċċata tal-ġerarkija tan-normi ġuridiċi. L-atti leġiżlattivi l-oħra kollha jridu jkunu konformi magħhom.
- Il-liġi organika tikklassifika fit-tieni post fil-ġerarkija ġuridika. Il-Parlament jgħaddi liġijiet organiċi b'maġġoranza kwalifikata.
- Il-liġi ordinarja hija t-tielet kategorija ta' normi ġuridiċi. Il-Parlament jgħaddi liġijiet ordinarji b'maġġoranza sempliċi. Liġi ordinarja ma tistax temenda jew timmodifika norma organika jew il-Kostituzzjoni.
- Id-digriet tal-gvern huma r-raba' kategorija ta' normi.
- Id-deċiżjonijiet tal-gvern huma l-ħames kategorija ta' normi fil-ġerarkija ġuridika.
- Atti leġiżlattivi promulgati mill-gvern ċentrali u mill-awtoritajiet amministrattivi awtonomi huma s-sitt kategorija ta' normi fil-ġerarkija ġuridika;
- Atti leġiżlattivi promulgati mill-gvern lokali (il-Kunsill tal-Kontea, il-Kunsill Lokali, il-Kunsill Ġenerali tal-Muniċipalit  ta' Bucharest) jokkupaw l-aktar pożizzjoni baxxa fil-ġerarkija tan-normi.

Qafas istituzzjonali

L-istituzzjonijiet responsabbli għall-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni

Skont il-Kostituzzjoni, l-Istat huwa bbażat fuq il-prinċipji ta' demokrazija kostituzzjonali tas-separazzjoni tal-poteri u tal-ekwilibriju bejn is-setgħat tal-Istat (leġiżlattivi, eżekuttivi u ġudizzjarji).

Is-setgħa hija kondiviża u tiġi eżerċitata wkoll mill-Parlament, mill-Gvern u mill-awtoritajiet ġudizzjarji. Barra minn hekk il-Qorti Kostituzzjonali, l-Ombudsman Rumani (*Avocatul Poporului din Rom nia*), il-Qorti tal-Awdituri (*Curtea de Conturi*) u l-Kunsill Leġiżlattiv (*Consiliul Legislativ*) jissalvagwardjaw l-ekwilibriju tas-setgħat bejn l-awtoritajiet pubbliċi u ċ-ċittadini.

Il-Parlament huwa l-korp rappreżentattiv suprem taċ-ċittadini u l-unika awtorit  leġiżlattiva fil-pajjiż. Huwa magħmul mill-**Kamra tad-Deputati** u mis-**Senat**. Bħala prinċipju, is-setgħa leġiżlattiva tappartjeni esklussivament għall-Parlament, iżda f'ċerti każijiet huwa jaqsam din il-funzjoni mal-**eżekuttiv (il-Gvern)** u mal-elettorat (iċ-ċittadini).

Il-Gvern jista' jippromulga digrieti abbażi ta' leġiżlazzjoni speċifika ta' kompetenza adottata mill-Parlament. F'każijiet eċċezzjonali li jridu jiġu ttrattati b'mod urġenti, il-Gvern jista' joħroġ ukoll digrieti ta' emerġenza.

Proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet leġiżlattivi

Il-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet leġiżlattivi huwa magħmul minn tliet stadji:

1. L-istadju governattiv jew pre-parlamentari jirreferi għal dan li ġej:

- it-tħejjija tal-abbozz tal-att leġiżlattiv fil-livell tal-Gvern;
- is-sottomissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv għal dibattitu pubbliku skont il-kundizzjonijiet stabbiliti mill-liġi;
- l-approvazzjoni mill-Kunsill Leġiżlattiv, fil-livell interministerjali u minn istituzzjonijiet oħra;
- l-adozzjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv mill-Gvern.

2. L-istadju Parlamentari jirreferi għal dan li ġej:

- is-sottomissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lil waħda mill-Kmamar tal-Parlament (lill-Kamra tad-Deputati jew lis-Senat bħala l-ewwel Kamra), skont il-kompetenzi stabbiliti mill-Kostituzzjoni Rumena;
- id-diskussjoni u l-adozzjoni tar-rapport/opinjoni dwar l-abbozz tal-att leġiżlattiv fil-kumitati Parlamentari permanenti (f'ċerti ċirkostanzi speċifiċi jistgħu jitwaqqfu wkoll kumitati speċjali);
- fis-sessjoni plenarja, l-ewwel Kamra tagħti l-opinjoni tagħha dwar l-abbozz tal-att leġiżlattiv u dwar il-proposti leġiżlattivi mressqa quddiemha fi żmien 45 jum mid-data li fiha jkun għew ippreżentati quddiem l-Uffiċju Permanenti;
 - fil-każ ta' kodiċijiet u ta' leġiżlazzjoni oħra partikolarment kumplessi, il-limitu ta' żmien huwa ta' 60 jum mid-data tal-preżentazzjoni quddiem l-Uffiċju Permanenti;
 - fil-każ ta' digrieti ta' emerġenza tal-Gvern, il-limitu ta' żmien huwa ta' 30 jum.
- jekk jinqabżu dawn l-iskadenzi, l-abbozz tal-att leġiżlattiv jew il-proposta leġiżlattiva titqies adottata u tintbagħat lill-Kamra tad-Deputati għad-deċiżjoni finali.

Imbagħad issir votazzjoni dwar l-abbozz tal-att leġiżlattiv/proposti leġiżlattivi (approvati jew miċħuda) u jintbagħtu lill-Kamra tad-Deċiżjonijiet (il-Kamra tad-Deputati jew is-Senat), li tadotta l-verżjoni finali tal-att leġiżlattiv.

3. L-istadju post-parlamentari jirreferi għal dan li ġej:

- il-kontroll kostituzzjonali dwar il-liġi (il-kontroll *a priori*) (il-Qorti Kostituzzjonali tikkonferma l-kompatibbiltà tal-liġi mal-Kostituzzjoni). Dan il-kontroll jista' jintalab mill-[President tar-Rumanija](#), mill-President ta' waħda mill-Kmamar, mill-Gvern, mill-Qorti Superjuri tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja, mill-Ombudsman Rumenu jew minn tal-anqas 50 deputat jew 25 senatur, u *ex-officio* fil-każ ta' rieżami kostituzzjonali.
- Fl-aħħar nett, il-liġi tiġi promulgata mill-President fi żmien 20 jum minn meta jirċeviha. Jekk il-President jitlob rieżami tal-liġi (din it-talba tista' ssib darba biss) jew tal-kostituzzjonalità tagħha, il-liġi tiġi promulgata fi żmien 10 ijiem minn meta jirċeviha wara li tkun għet rieżaminata jew wara li jirċievi l-konferma mill-Qorti Kostituzzjonali dwar il-konformità tagħha mal-Kostituzzjoni.
- Il-liġi tidħol fis-seħħ fi żmien tlett ijiem mill-pubblikazzjoni fil-Gazzetta Uffiċjali tar-Rumanija, il-Parti I jew f'data aktar tard imsemmija fil-liġi.

Bażijiet ta' data ġuridiċi

a) Il-Portal Leġiżlattiv, ġestit mill-Ministeru tal-Ġustizzja, huwa sistema ta' informazzjoni ġuridika li tippermetti aċċess malajr, mingħajr ħlas u mingħajr ebda restrizzjoni għal-liġi nazzjonali f'forma aġġornata u konsolidata lil kwalunkwe persuna interessata. Din l-applikazzjoni taqbad mal-portal komuni Ewropew għal-Liġi Nazzjonali [N-Lex](#).

Il-Portal Leġiżlattiv ġie żviluppat mill-Ministeru tal-Ġustizzja taħt proġett li għalih ingħatat għotja mill-Fond Soċjali Ewropew taħt il-*Programm Operazzjonali "Kapaċità Amministrattiva"*.

Il-bażi tad-data tiġi aġġornata kuljum u tipprovdi aċċess għal aktar minn 150 000 liġi mill-1989 sal-lum, u għal serje ta' liġijiet rilevanti preċedenti.

Wieheġ jista' juża diversi kriterji biex ifittex fil-bażi tad-*data*, bħal:

- kliem fit-titolu;
- kliem fit-test;
- it-tip ta' dokument;
- in-numru tad-dokument;
- it-tip u n-numru tal-pubblikazzjoni uffiċjali;
- id-data tal-pubblikazzjoni;
- l-awtorità li tkun għaddiet il-liġi, eċċ.

b) [Bażi ta' data ġuridika oħra fir-Rumanija](#) ddisinjata, ġestita u aġġornata mill-Kunsill Leġiżlattiv tipprovdi wkoll aċċess pubbliku mingħajr ħlas għal-leġiżlazzjoni Rumena.

Din hija l-verżjoni online tad-*Direttorju tal-Liġi Rumena*® - l-arkivju uffiċjali tal-liġi Rumena li jipprovdi informazzjoni preċiża u korretta dwar l-istatus ġuridiku ta' kull liġi f'perjodi differenti.

Il-bażi tad-*data* tkopri l-perjodu bejn l-1864 u l-preżent.

Wieheġ jista' jfittex fil-bażi tad-*data* billi juża l-kriterji li ġejjin:

- il-kategorija/tip ta' att leġiżlattiv;
- in-numru;
- is-sena ta' promulgazzjoni (perjodu);
- il-perjodu tal-pubblikazzjoni;
- il-pubblikazzjoni uffiċjali (it-tip, in-numru, is-sena);
- kliem ewlieni fit-titolu;
- l-istatus tal-att (fis-seħħ, abrogat);
- kriterji oħra (att leġiżlattiv, uniku/ippubblikat, mhux ippubblikat).

L-Intranet tal-Kunsill Leġiżlattiv fih bażi tad-*data* aġġornata b'informazzjoni ġuridika dettaljata meħtieġa għall-attività speċifika tal-approvazzjoni ta' abbozzi ta' atti leġiżlattivi u għall-għoti ta' informazzjoni utli matul il-proċess leġiżlattiv.

c) [Bażi tad-*data* ġuridika oħra](#) (għalkemm organizzata b'mod differenti) tista' tiġi aċċessata wkoll fuq is-sit web tal-[Kamra tad-Deputati](#) (waħda mill-Kmamar tal-Parlament). It-tiftix jista' jsir permezz ta':

- it-tip ta' att leġiżlattiv;
- in-numru;
- id-data;
- l-awtorità pubblika li ħarġet l-att leġiżlattiv;
- id-data tal-pubblikazzjoni u kliem ewlieni (fit-titolu u fit-test prinċipali tal-att).

L-aċċess għall-bażi tad-*data* huwa mingħajr ħlas?

Iva, l-aċċess għall-bażi tad-*data* huwa mingħajr ħlas.

L-aħħar aġġornament: 16/07/2020

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.